# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 5.1

# Kapitlu 5 – Twieled għalina

## Lezzjoni 5.1: Aħna rigal ta' Alla

## L-Għanijiet:



### It-tfal:

1. Jifhmu x'inhu rigal u għalfejn nagħtu r-rigali.
2. Jagħrfu li Ġesù huwa l-akbar rigal li Alla tana.
3. Jirrealizzaw li b'dak li għandna, aħna rigali għal xulxin.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

1. Kaxxa taż-żraben miksija bil-karti tar-rigali iżda mhux issiġilata u l-għatu jista' jitneħħa.
2. Karti żgħar (10cmx8cm) għat-tpinġija. *Jekk ikunu karti użati min-naħa waħda u skartati tant l-aħjar.*
3. Ritratt tat-tfal u ta' familja (kull tifel u tifla jista' jġib ritratt tal-familja tiegħu jew tagħha). ***Mhux bilfors.***
4. Bambin żgħir li joqgħod ġol-kaxxa taż-żraben.
5. Maxtura, benniena jew sodda għall-Bambin.
6. Karta ta' taħriġ 5.1 - Aħna rigali ta' Alla.
7. Starboard Activity: Alla tani....
8. Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Uri lit-tfal il-kaxxa rigal. Għidilhom jaħsbu x'jista' jkun hemm ġo fiha. Ħalli lit-tfal jgħidulek x'jaħsbu.
2. Spjega kif fil-Milied aħna nagħtu u naqilgħu ħafna rigali. Staqsi għalfejn nagħmlu hekk. Iggwida lit-tfal biex jifhmu li:
   a. ir-rigali jġibu ħafna ferħ;
   b. min jagħtina rigal iħobbna;
   c. min jagħtina rigal jaħseb li aħna speċjali.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



1. Fakkar lit-tfal li r-rigali jagħmluna ferħanin.
2. Għid lit-tfal li f'dik il-kaxxa-rigal hemm rigali sbieħ li tana Alla. Staqsi lit-tfal x'rigali jaħsbu li tahom Alla. Ħafna drabi t-tfal isemmu partijiet differenti mill-ħolqien u forsi lill-ġenituri u lin-nanniet.
3. Iftaħ IWB l- Attività **Alla tani...** Ibda ikxef rigal rigal u staqsi lit-tfal kif dak li hemm fl-istampa jagħmilna ferħanin.
   a. Il-ħolqien – għaliex ikollna ambjent sabiħ fejn noqogħdu u li joffrilna x'nieklu u nixorbu.
   b. Il-familja – għaliex ma' tad-dar inħossuna maħbubin u dawn jaraw li ma jonqosna xejn.
   c. Il-ħbieb – għaliex ikollna ma' min nilagħbu u min jista' jgħinna.
   d. Lilna nfusna – għaliex aħna speċjali u ħadd mhu eżatt bħalna.
4. Ħalli lit-tfal ipoġġu ġol-kaxxa tar-rigali ritratti jew tpinġijiet tagħhom infushom, tal-familja, tal-ħbieb jew tal-ħolqien.
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.1. Aħna rigali ta' Alla. Hawnhekk inti tista' tgħid lit-tfal jew iwaħħlu ritratt tagħhom jew ipinġu isimhom u jzejnuh bil-kulur.
6. Agħlaq il-lezzjoni billi fuq paġna 51 tgħin lit-tfal isibu l-kelma Ġesù u jagħmlu ċirku dwaru. B'hekk jifhmu li Ġesù huwa l-aqwa rigal. Tajjeb li tgħidilhom ipinġu xi rigali minn dawk li ssemmew fil-lezzjoni bħala preparazzjoni għal-lezzjoni ta' għada. Tista' wkoll, biex tikkonsolida li dinja ferħana tfisser li aħna nkunu ferħanin, għin lit-tfal jimmarkaw il-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali mogħtija.

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)




- Nagħtu rigal biex inferrħu lil xi ħadd.
- Nagħtu rigal lil min inħobbu.
- Alla tana ħafna affarijiet sbieħ għaliex iħobbna u jridna nkunu ferħanin.
- Jien rigal għalik u inti għalija.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Meta nkunu qalbna tajba ma' ta' madwarna, inkunu qed napprezzaw l-imħabba tagħhom u nuruhom li huma speċjali għalina.




## Niċċelebraw flimkien - Inkantaw flimkien ta' Grazzi

GRAZZI

Grazzi ta' din il-għodwa ġdida

Grazzi ta' dan il-jum sabiħ

Grazzi ngħid jien lil Alla tiegħi

Kollox minnU ġej.

Grazzi ta' ħbiebi u ħuti kollha

Grazzi talli tħobb lill-bnedmin

Grazzi talli ħajjin iżommna

Flimkien magħqudin.



Grazzi tax-xemx u x-xita f'waqtha

Grazzi li ttina dan il-ġid

Grazzi tal-frott u l-ħxejjex kollha

L-għixien tal-bnedmin.

## Nitolbu

Ħeġġeġ lit-tfal biex jgħidu 'grazzi' lil Alla għar-rigali sbieħ li għoġbu jagħtina.

Ħalli t-tfal jgħidu wara xulxin ***Grazzi Mulej talli tajtna .....***

Hemm imnejn li t-tfal jibdew jirrepetu l-istess idea.

Ħeġġiġhom isemmu affarijiet differenti.

